MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru 628/2011

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gaetano Mark Savery bin Mark Gilbert u Carmen nee` Spiteri imwieled Kent Ingilterra fit-8 ta` Settembru 1976 u residenti fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 88396(M)

Talli;

Nhar fi Frar 2011 u fil-gighmat u x-xhur ta` qabel, f`dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differneti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal- ligi u li gew maghmula b`risoluzzjoni wahda, b`mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b`ohra

sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` itraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe madwar €110,000 ghad-detriment ta` Particia Calleja detentrici tal-karta ta` l-identita numru 127138(M) u ta` Maria Theresa Portelli detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 188460(M), Carmel Grech detentur tal-Karta ta` l-identita` numru 223285(M), ai termini ta` l-artikoli 18,308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u coioe` is-somma ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe madwar **€110,00,** ghad-detriment ta Patricia Calleja detentrici tal-karta numru 127138(M) u ta’ Maria Theresa Portelli detentrici tal-karta ta’ l-identita numru 272050(M) u Marion Darmanin detentrici tal-karta ta’ l-identita 223285(M), ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 ta’ April, 2012, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-imputat ghal dan ir-reat;

Rat illi l-istess imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tinstema' sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat, fis-seduta ta' llum, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, wara li l-Qorti wissietu solennement dwar il-konsegwenzi li ggib maghha l-istess ammissjoni tieghu, u wara li tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, u ghalhekk ghandha quddiemha stampa cara tal-fatti tal-kaz, liema provi ma gewx kontradetti mill-imputat u li issa gew ammessi minnu bhala korretti. Il-Qorti m'hix ser tidhol fil-mertu tal-kawza, peress illi dan mhux kontestat. Ser tghid biss li dan il-kaz kien ibbazat fuq il-frodi tradizzjonali ta' meta persuna tqarraq bil-fiducja ta' haddiehor u tirnexxielha tiehu ammonti ta' flus – f'dan il-kaz ammonti konsiderevoli – bi hsara ghal haddiehor. Hekk gara f'dan il-kaz, fejn l-imputat irnexxielu jikkonvinci numru ta' nies li seta' jinvestilhom somom kbar ta' flus bil-ftehim li jgib lura qligh sostanzjali, haga, izda, li ma mmaterjalizzatx ruhha.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li dan il-kaz jimmerita prigunerija effettiva u xejn aktar. Ma jidherx li hemm il-possibilita' li l-imputat jirrifondi l-flus li hu ha b'ingann mid-diversi persun indikati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li Rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 293 u 294, u l-Artikolu 553 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq Ammissjoni din il-Qorti qed issib l-istess imputat Gaetano Mark Savery hati skond l-akkuzzi kontra tieghu u ghal daqstant qedgha tikkundanah tlitt (3) snin prigunerija. Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ €1,386.46 bhala spejjez ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------